# FIL-QORTI CIVILI
## (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 130/18 AGV**

AC

Vs

BC sive CD sive D

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-18 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti :-

1. Premess illi l-kontendenti partijiet A (A) Cu BC sive CD inghaqdu fiz-zwieg fir-Repubblika ta' Malta u partikolarment fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta nhar l-4 ta' Frar, 1993 u dan skond ic-certifikat awtentikat hawn mehmuz u ndikat bhala Dokument ICI, certifikat li n-numru tal-Iskrizzjoni tieghu huwa wiehed u tmenin (81) datat 5 ta' Frar, 1993;

2. Premess illi bejn il-kontendenti partijiet ma rrizultaw ebda tfal u ghad illi ufficjalment huma ma humiex legalment mifruda, ilhom aktar minn ghaxar snin jirrisjedu separatament u jghixu l-hajja indipendenti taghhom;

3. Premess illi ssir referenza ghal Artikolu 66 A(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi l-mizzewwgin ghadhom sallum mhux mifrudin minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza;

4. Premess illi l-kontendenti partijiet effettivament qablu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul, izda ghal kull buon fini r-rikorrent AC qed jintavola rikors biex permezz ta' sentenza mill-Qorti Civili kompetenti l-hall taz-zwieg jigi formalizzat a bazi tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Premess illi ssir referenza ghas-subartikolu (4) tal-Artikolu 66 A tal-Kodici Civili kwantu li r-Registratur tal-Qrati ghandu jigi ordnat sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqdhekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

6. Premess illi ssir referenza ghall-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 u fejn din il-wisq Onorabbli Qorti qed tigi assikurata anke bil-gurament tal-istess rikorrenti li l-koppja mizzewwga ilhom aktar minn ghaxar snin ighixu separati minn xulxin f'residenzi differenti u anke f' lokalitajiet differenti, ighixu hajja indipendenti assolutament minn xulxin u ma kien hemm ebda relazzjoni intima bejniethom tul dan il-perjodu kollu apparti mill-fatt li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom u anke li l-koppja kontendenti ma kellhomx tfal bejniethom;

7. Premess illi ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt il-koppja mizzewwga kontendenti qedghin jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom ta' manteniment u dan ukoll fl-inkwadratura tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Premess illi ssir referenza ghall-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tghaddi ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet;

9. Premess illi ssir referenza ghas-subartikolu (3) tal-Artikolu 66D tal-Kodici Civili, fis-sens illi r-rikorrenti qieghed iressaq ukoll dawk it-talbiet illi setghu saru f'kawza ta' separazzjoni u dan partikolarment fir-rigward tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti u n-nuqqas ta' obbligu ta' forma ta' manteniment rispettiv bejn iz-zewg nahat tal-partijiet kontendenti konjugi C ;

10. Premess illi la r-rikorrent u lanqas l-intimata martu m'ghamlu ebda talba personalment ghall-firda legali ta' bejniethom u dan b'referenza ghas-subartikolu (4) tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Premess illi ssir referenza ghall-artikolu 66G tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn l-avukat li qed jippatrocinja lir-rikorrenti indika lill-partijiet kontendenti jekk hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom imma f'dan il-kaz partikolari meta bejn il-mizzewwgin ma hemmx tfal u ilhom mifrudin de facto ghal numru ta' snin, minghajr ma kellhom ebda kuntatt ma' xulxin u anke jghixu f'residenzi separati, ir-rikorrenti attur u anke l-intimata assikuraw lill-avukat li qed jippatrocinja lir-rikorrenti attur illi l-artikolu 66G mhux applikabbli ghac-cirkostanzi tal-hajja konjugali taghhom, u kwindi kull possibilita' ta' rikonciljazzjoni ghandha tigi fic-cirkostanzi bl-aktar mod kategorika eliminata;

12. Premess illi ssir referenza ghall-artikolu 66I tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn din il-Qorti qed jigi ndikat lilha li l-koppja mizzewwga apparti li ma ghandhomx tfal fil-verita' ilhom snin ma jghixux flimkien, ma jiddependux minn xulxin, joqoghodu f'residenzi separati u f'lokalitajiet differenti fil-gzira ta' Malta u ghalhekk ma hemmx kwistjoni la ta' kura u kustodja tal-ulied, la ta' access taz-zewg partijiet ghall-ulied, la ghall-manteniment tal-mizzewwgin jew ta' parti wahda minnhom u ta' kull wild, la ghar-residenza fid-dar konjugali billi din f'dan il-kaz ma tezistix stante li kull parti ghandha r-residenza individwali tieghu jew taghha u kwantu ghad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata, il-partijiet kontendenti jamministraw il-beni taghhom indipendentement pero' ghal kull buon fini sejrin jitolbu x-xoljiment formali tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom skond il-

ligi fl-inkwadratura taz-zwieg taghhom fir-Repubblika ta’ Malta kif hawn fuq indikat;

13. Premess illi l-kontendenti partijiet, konjugi Camilleri, jissodisfaw r-rekwiziti tal-Artikolu 66N tal-Kapitolu 16 tal-Kodici Civili relatat mal-gurisdizzjoni tal-Qorti fir-rigward tad-divorzju u dan peress li z-zewg partijiet jirrisjedu Malta kif imfisser aktar ‘l fuq f’dawn il-premessi;

14. Premess dan kollu, tghid l-intimata indikata ghala din il-wisq Onorabbli Qorti m’ghandhiex tiddetermina, tiddeciedi, tiddikjara u tordna illi:-

(a) A bazi ta’Artikolu 66A tas-subartikolu (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, iz-zwieg bejn il-kontendenti partijiet kif indikat u mfisser, li sehh fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta nhar l-4 ta’ Frar, 1993 ghandu jigi mahlul permezz tad-divorzju u dan fuq talba tar-rikorrenti attur, li dwarha l-istess intimata BC: ID number 0011270A taqbel ukoll;
(b) Ikunu applikabbli fejn appikabbli s-subartikolu (2) u s-subartikolu (3) tal-istess artikolu 66A tal-Kodici Civili tal- Ligijiet ta’ Malta;
(c) Il-Qorti ghandha tapplika s-subartikolu (4) tal-artikolu 66A tal-Kapitolu 16 u dan fir-rigward tal-ordni li ghandha tinghata lir-Registru tal-Qrati rigward l-Avviz lid-Direttur tar-Registru Pubbliku dwar id-divorzju tal-partjiet kontendenti u biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
(d) Il-partijiet kontendenti ssodisfaw il-kriterji tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 fis-sens illi d-divorzju jista’ jinghata peress illi l-kontendenti partijiet huma mizzewwga u fid-data li qed jinbdew dawn il-proceduri tad-divorzju, il-mizzewwgin ikunu ghexu flimkien ghal perjodu ta’ jew perjodu li jammontaw ghal, mill-anqas erba’ snin matul il-hames snin minnufih precedenti u fic-cirkostanzi u fatti attwali l-kontendenti partijiet ilhom ma

jghixux flimkien ghal aktar minn ghaxar snin billi anka jirrisjedu f'residenzi separati fil-gzira ta' Malta;

(e) Minn verifiki professjonali li saru ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin u stante illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment, u dan billi mhux dovut, fic-cirkostanzi filwaqt li l-mizzewwgin qed jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom ta' manteniment jekk ikun il-kaz, il-kriterji kollha tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 jirrizultaw u ghalhekk it-talba ghad-divorzju tal-kontendenti partijiet ghandha tintlaqa' skond il-ligi u bhala stat ta' fatt;

(f) L-artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ghandu fic-cirkostanzi jigi onorat bil-pronunzjament ta' divorzju bejn il-kontendenti partjiet konjugi C;

(g) Peress illi l-partijiet kontendenti konjugi C ma humiex legalment mifruda u lanqas hemm proceduri pendenti f'dan ir-rigward, din il-Qorti ghandha takkorda li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata bejn l-istess kontendenti partijiet u dan stante huwa l-kaz li l-kontendenti partijiet konjugi C jaqblu dwar dan kollu ukoll: referenza is-subartikolu (5) tal-Artikolu 66D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(h) B'referenza ghall-artikolu 66 G tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti attur qieghed jesebixxi ma' dawn il-proceduri odjerni n-Nota li fiha l-avukat tal-fiducja tieghu qed jikkonferma li gew osservati l-htigijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 66 G tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta;

(i) B'referenza ghall-artikolu 66 I tal-Kapitolu 16, il-kontendenti partijiet jafu ezatt xi jridu wara dawn is-snin kollha mizzewwgin u fl-istess hin mifrudin *de facto* minn xulxin u jghixu f'residenza separati u ghalhekk il-punti kollha sollevati fl-artikolu 66I tal-Kodici Civili ma humiex applikabbli ghall-kontendenti partijiet ghajr sub-inciz (e) tal-istess artikolu u fejn f'talba partikolari aktar 'l fuq, il-kontendenti partijiet konjugi C qeghdin

jitolbu formalment it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom b'effett immedjat;

(j) Fir-rigward tal-intimata kif indikata BC, l-istess intimata ghandha tibqa' zzomm il-kunjom C u ma tirrivertix ghal kunjom xbubitha li huwa D u dan skond l-istess xewqa tal-intimata kif indikata lil zewgha r-rikorrenti odjern;

(k) Sa fejn applikabbli u biss sa fejn applikabli ghandu jigi *in vigore* bl-effetti stipulati fl-artikolu 66L tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan inkluz it-talba immedjatament precedenti ghal din it-talba;

(l) |Sa fejn applikabbli, il-partijiet kontendenti konjugi C jissodisfaw il-kontenut tal-Artikolu 66N tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(m) L-ispejjez ta' bejn il-partijiet kontendenti konjugi C ghandhom fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa ghajr ghal dawk li jirregolaw l-avukat tal-fiducja li qed jintavola l-kawza f'isem ir-rikorrenti attur pero' b'gharfien ukoll tax-xewqat tal-istess intimata mart odjerna tar-rikorrenti.

Rat in-nota pprezentata Dok. IC4.[1]

Rat li gie approvat il-kuntratt ta' separazzjoni fit-30 ta' Jannar, 2018.[2]

Rat in-nota kongunta tal-4 ta' Lulju, 2018 fejn l-intimata ddikjarat li m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghad-divorzju.

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

---

[1] Ara fol.9 tal-process.

[2] Ara verbal datat 30 ta' Jannar, 2018.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati ghal aktar minn ghaxar snin u anke li gie awtorizzat kuntratt ta’ separazzjoni datat 30 ta’ Jannar, 2019.

Illi r-rikorrent pprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment u li ma kinitx tezisti c-cans ta’ rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A;
2. Tilqa’ din it-talba;
3. Tilqa’ din it-talba u wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata;
4. Tilqa’ din it-talba;
5. Tilqa’ din it-talba;
6. Tilqa’ din it-talba u tikkonferma d-divorzju bejn il-kontendenti;

7. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba stante li gie pprezentat kuntratt ta' separazzjoni fit-30 ta'Jannar, 2019;
8. Tilqa' din it-talba;
9. Tilqa' din it-talba;
10. Tilqa' din it-talba;
11. Tilqa' din it-talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**